## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. KYLE CASSAR (KI. 50297M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16/04/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjoni/jiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat/a:

**Lil. Kyle Cassar** **Bin Mario u Rita nee' Fenech mwieled fis-26/01/1997 Pieta' u joqghod 23, TRIQ IS-SAJF, SAN PAWL IL-BAHAR ID. 0050297M**

**BILLI inti akkuzat** talli fit-23 ta' Lulju, 2023 ghall-habta ta' 18:20 hrs, gewwa Triq il-Marfa, Ghadira, Mellieha;

1. Gieghelt jew hallejt lil Miroslav Molnar (ID. 168191A) jsuq vettura Nru. CCO087 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(**Sec.3(1) Chap.104**).
2. Kellek vettura Nru. CCO087 kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza minghajr licenzja ghac-cirkolazzjoni valida jew permess ghac-cirkolazzjoni valida mahrug mill-Awtorita ghat-Trasport f Malta.(**Sec.13(2) LS.368.02**)
3. Bhala sid ta` vettura nru. CCO087 inqast li tara li jkollha dejjem u f kull zmien licenzja ta`cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f Malta.(**Sec.14(3) LS.368.02**).

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' EO 277 (*affidavit),* EO 279 *(affidavit)* u Stephen Cachia għal Transport Malta *(affidavit*) filwaqt li rat il-provi mressqa fil-kawża numru 45 fuq il-lista fl-ismijiet Pulizija v. Miroslav Molnar li b'digriet mogħti mill-Qorti llum stess fuq talba tad-difiża ġew magħmulha applikabbli għal din il-kawża,

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

**Il-Qorti tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni: fir-rigward tal-ewwel waħda fuq nuqqas ta' provi, fir-rigward tat-tieni waħda stante illi l-piena applikabbli m'hijiex erogabbli u dan in linea ma' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali li stabbilew li l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi, u fir-rigward tat-tielet waħda stante illi din ukoll mhijiex erogabbli mill-Qorti peress illi jekk xejn il-piena applikabbli hija multa amministrattiva li tista' tiġi imposta ai termini tal-Art. 14(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |